MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 50 – 3 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 01 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Viċi Sindku Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 50.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

50.1.1 Il-President informa li rċieva ittra ta' apoloġija mis-Sindku tal-Ħamrun fejn ta r-raġuni għalfejn ma setax jattendi.

50.1.2 Il-Membri preżenti aċċettaw l-apoloġija b'mod unanimu.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

50.2.1 Il-President ressaq il-minuti tad-disgħa u erbgħin (49) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

50.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata minn Dr Maria Sara Vella, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 50.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Apprezzament lill-klabb tal-futbol tal-Ħamrun Spartans**

50.3.1 Il-President, ippropona li waqt it-tqassom tar-rikonoxximenti fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill Reġjonali, jingħata rikonoxximent lill-klabb tal-futbol tal-Ħamrun Spartans għar-rebħ tal-kampjonat tal-2021.

50.3.2 Il-Membri preżenti qablu mal-proposta tal-President.

**- Laqgħa mas-Sindki tal-lokalitajiet ġodda li se jkunu qed jingħaqdu mar-Reġjun**

50.3.3 Il-President semma' kif fil-jiem li għaddew saret laqgħa mas-Sindki li se jkunu qed jingħaqdu mar-Reġjun tan-Nofsinhar bir-riforma fir-Reġjuni. F'din il-laqgħa, is-Sindki iddawru mal-Bini Ammistrattiv u ġew diskussi l-proġetti li għandu l-Kunsill Reġjonali biex jagħmel din il-binja post tal-ogħla livell minn fejn il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun ikunu jistgħu jingħataw għajnuna professjonali. Wara saret preżentazzjoni fuq il-ħidma li għaddej biha l-Kunsill Reġjonali u l-pjanijiet li għandu għall-futur. Il-laqgħa intlaqgħet tajjeb ħafna minn kulħadd. Is-Sindku tal-Marsa ma setax jattendi minħabba li dakinhar kellhom il-laqgħa tal-Kunsill, imma bgħatnielu kopja stampata tal-preżentazzjoni. Minn issa 'l hemm is-Sindki jistgħu jibdew jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat importanti tal-Kunsill Reġjonali biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni.

**- Inizjattiva biex tiġi indirizzata l-problema ta' rimi ta' skart illegali**

50.3.4 Il-President ippropona inizjattiva ġdida mill-Kunsill Reġjonali biex tiġi indirizzata l-problema ta' rimi ta' skart illegali fil-lokalitajiet tar-Reġjun. Dan jista' jsir nilli l-Kunsill Reġjonali jħallas għal rondi ta' sorveljanza minn Uffiċjali tal-Komunità f'żewġ inħawi f'kull lokalità fejn l-akar li tinħass din il-problema. Għaldaqstant, kull Kunsill Lokali jiġi mitlub jidentifika żewġ postijiet fil-lokalità tiegħu biex titfassal lista. Il-Kunsill Reġjonali mbagħad isejjaħ laqgħa mal-Aġenzija LESA biex jiġi diskuss l-aħjar mod li bih din l-inizjattiva tista' tkun effettiva. Din l-inizjattiva se tkun qed tieħu post il-fondi li r-Reġjun kellu allokati għall-inizjattivi ambjentali għax se tkun qed iġġorr piż finanzjarju sostanzjali fuq il-finanzi tal-Kunsill Reġjonali.

50.3.5 Il-Membri preżenti qablu mal-proposta mressqa mill-President.

**- Uffiċjali professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

50.3.6 Il-President qal li l-Bord maħtur mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali evalwa l-applikazzjonijiet li daħlu, ġew identifikati numru ta' applikanti validi li kapaċi jimlew il-postijiet ta' Uffiċjal fl-Immaniġġjar tal-Proġetti u Uffiċjal Kulturali. Ir-Reġjun issa jrid jagħmel l-intervisti biex jingaġġa miegħu uffiċjal minn dawn l-applikanti. Għall-postijiet vakanti l-oħra ma kienx hemm applikazzjonijiet biex jimtlew il-postijiet fir-Reġjuni kollha. Għal dan il-għan saret laqgħa bejn id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Presidenti tar-Reġjuni fejn intlaħaq qbil li s-sejħiet għal dawn il-postijiet jerġgħu jinħarġu bi kriterji differenti li jieħdu konsiderazzjoni anke tal-esperjenza fil-qasam.

**- Sejħa għal xiri ta' vann għas-sezzjoni tal-manutenzjoni**

50.3.7 Il-President informa li matul il-jiem li għaddew ġie ffirmat il-kuntratt mal-offerent li rebaħ is-sejħa. Jonqos biss l-aħħar proċeduri, bħall-ħlas tal-liċenzja u assikurazzjoni, imma fi ftit jiem oħra s-sezzjoni tal-manutenzjoni tar-Reġjun għandu jkollha vann ġdid għas-servizz tar-Reġjun.

**- Festa Nar 2021 u Kwarta Tajba**

50.3.8 Il-President qal li bħalissa għaddejjin laqgħat mal-konsulenti tar-Reġjun fuq dawn l-attivitajiet biex naraw kif dawn jistgħu jsiru b'tali mod li jkunu konformi mar-regolamenti maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa u tat-Turiżmu. Li hu żgur hu li Festa Nar trid issir b'mod differenti minn kif saret fis-snin li għaddew. Kwarta Tajba tista' ssir ukoll b'mod differenti billi s-sitt postijiet fejn kellhom jittellgħu l-prestazzjonijiet jitnaqqsu ħalli jkun hemm aktar kontroll fuq il-pubbliku li jattendi. Il-ħsieb hu li Kwarta Tajba tittella' lejn l-aħħar ta' Awwissu u Festa Nar tittella' f'Settembru.

**- Fondi għal Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali 2019**

50.3.9 Il-President informa li f'dawn l-aħħar jiem, l-AKL bagħtu r-rimbors tal-ħlas li kien hemm marbuta ma' din l-iskema u issa dan il-kapitlu jinsab magħluq.

**- Applikazzjoni għal ingaġġ ta' uffiċjal tal-komunità għat-trattament xieraq tal-annimali**

50.3.10 Il-President semma' kif aktar kmieni dan ix-xahar, il-Kunsill Reġjonali ssottometta applikazzjoni permezz ta' skema mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex ir-Reġjun jingaġġa miegħu Uffiċjal tal-Komunità għat-trattament xieraq tal-Annimali.

**- Tariffi Bankarji fuq kontijiet b'bilanċ għoli**

50.3.11 Il-President qal l-Kunsill Reġjonali qed jeħel tariffa bankarja kull xahar għax qed ikollu bilanċ għoli aktar minn dak rikjest mill-bank. Dan hu dovut għax qed jinqabeż l-ammont li jista' jiġi depożitat fil-bank. Din is-sitwazzjoni ġrat għax id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ddepożitat ammont sostanzjali fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill Reġjonali li huma fondi dovuti lill-Kunsilli lokali għall-proġetti li għadhom ma ġewx rimborsati. Din it-tariffa, li hija ta' 0.5% fuq il-bilanċ totali, qed tammonta għal mijiet ta' ewro kull xahar. Il-President qal li, fl-opinjoni tiegħu, din it-tariffa għandha titnaqqas mill-kont tad-DLG għax kieku ma kellniex dawk l-ammonti ddepożitati fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill Reġjonali ma konniex naqbżu l-ammont massimu li jista' jinżamm fil-bank u ma konniex neħlu dawn it-tariffi.

50.3.12 Il-Membri preżenti qablu b'mod unanimu mal-President.

## 50.4 Skeda ta' Pagamenti;

50.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 07/21A-1 u 07/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

50.4.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur Scott Camilleri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 50.5 Affarijiet Oħra;

**- Kuntratt tal-avukat tal-Kunsill Reġjonali**

50.5.1 Il-President irrefera għall-kuntratt tal-avukat tal-Kunsill Reġjonali li wasal biex jiskadi u talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti biex dan ikun jista' jerġa' jiġġedded bl-istess ħlas u l-istess kundizzjonijiet.

50.5.2 Il-Membri preżenti qablu unanimament mal-President.

**- Talba mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa**

50.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba u proposta mill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija fejn talab approvazzjoni mill-Membri biex il-fondi ta' 5,000 ewro allokati mill-Kunsill Reġjonali għal Slow Streets u Planning Dvelopment Fund, kif ukoll il-bilanċ li baqagħlu pendenti mill-fondi għall-proġetti, ikun jista' jitlobhom bħala rimbors mill-ispejjeż tal-permess għall-bini ta' Ċentru Ċiviku.

50.5.8 Il-President qal li l-Kunsilli Lokali għandhom joqogħdu attenti qabel jitolbu l-fondi mill-Kunsill Reġjonali u jridu jaraw li għall-proġett li qed jitolbu m'hemmx fondi ġejjin minn sorsi oħra. Dan jista' jirriżulta fi problemi żejda għaż-żewġ naħat waqt l-awditjar.

50.5.9 Is-Sur Frederick Cutajar, li kien qiegħed preżenti jirrappreżenta lil-lokalità ta' Santa Luċija, aċċerta lil kulħadd li l-permess għall-bini taċ-Ċentru Ċiviku se jkun qed jitħallas mill-fondi tal-Kunsill Lokali.

50.5.10 Il-Membri preżenti approvaw it-talba tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija.

**50.6 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

50.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.30 pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 04 ta' Awwissu 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina | Philip Carabott

President | Segretarju Eżekuttiv